MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Numru 336/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Edmund Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l- akkuzi kontra l-imputat Edmund Fenech, ta’ 31 sena, bin Alfred u Josephine nee’ Galea, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Frar 1971 u residenti Blk.6 Hse.1, Trejqet Giuzeppe M. Letard, Pembroke u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 161171M.

Billi huwa akkuzat talli :-

Fis-17 ta’ Frar u/jew fil-gimghat ta’ qabel din id-data, matul il-gurnata, fi Triq l-Imdina Qormi, kkommetta serq ta’ diversi kaxxi tal-‘luncheon meat’ li l-valur globali taghhom jeccedi l-mitt Lira Maltin (LM100) izda inqas minn elf Lira Maltin (LM1000), minn go ‘stores’ bl-isem ‘Navillus’ sitwati fi ‘triq l-Imdina Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna u li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ CSMR (1994) Ltd Malta.

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkustanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’ Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahhal biex ibiehhom jew biex imexxihom, liema oggetti misruqin gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Kif ukoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi approprija ruhhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkonsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga giet fdata jew ikkonsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fl-liema ammissjoni hu insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidraha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’serq, ricettazzjoni u misapproprijazzjoni. Illi hu pacifiku li s-serq u r-ricettazzjoni ghalkemm reati distinti u separati, huma ghad-esklussjoni ta’ xulxin.

Stante l-ammisjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat u billi jirrisulta li l-imputat ghandu jinstab hati ta’ serq izda mhux ukoll ta’ ricettazzjoni qeghdha ghalhekk minnufih tghaddi biex tiddecidi dwar il-piena.

Rat fir-rigward l-Artikolu 261 (c) (d), 267, 268, 279, 280, 281 u 17 tal-Kap 9 u billi hi tal-fehma li l-imputat jisthoqlu jinghata opportunita’ ohra u kkonsidrat li r-rifortiva giet restitwita fl-interi, qeghdha ghalhekk tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

Tikkundannah ihallas lir-registratur tal-Qorti l-ammont ta’ LM 115 mhux aktar tard minn 6 xhur mil-lum spejjes tal-espert tekniku nominat fil-kors tal-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------